

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ ATALANTA/1/2010

tal-5 ta' Marzu 2010

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ATALANTA/2/2009 dwar l-aċċettazzjoni ta' kontributi ta' Stati terzi għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta) u d-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ATALANTA/3/2009 dwar l-istabbiliment tal-Kumitat ta' Kontributori għall-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta)

(2010/184/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ATALANTA/2/2009 ⁽²⁾ u d-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà ATALANTA/3/2009 ⁽³⁾, u l-addendum magħha ⁽⁴⁾,

Billi:

- (1) Fis-16 ta' Diċembru 2008 l-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE żamm Konferenza dwar il-Ħolqien ta' Forza.
- (2) Wara l-offerta mill-Ukraina li tikkontribwixxi għall-operazzjoni Atalanta, ir-rakkomandazzjoni mill-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE u l-parir mill-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea, il-kontribut mill-Ukraina għandu jiġi aċċettat.
- (3) Skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-elaborazzjoni u fl-implementazzjoni ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li jkollhom implikazzjonijiet ta' difiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà Atalanta/2/2009 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Kontribuzzjonijiet ta' Stati Terzi

Wara l-Konferenzi dwar il-Ħolqien u l-Forniment ta' Forzi, il-kontributi tan-Norveġja, il-Kroazja, il-Montenegro u l-Ukraina għandhom jiġu aċċettati għall-operazzjoni militari tal-UE bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja (Atalanta)".

Artikolu 2

L-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà Atalanta/3/2009 huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Marzu 2010.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

C. FERNÁNDEZ-ARIAS

⁽¹⁾ ĠU L 301, 12.11.2008, p. 33.⁽²⁾ ĠU L 109, 30.4.2009, p. 52.⁽³⁾ ĠU L 112, 6.5.2009, p. 9.⁽⁴⁾ ĠU L 119, 14.5.2009, p. 40.

ANNEX

"ANNEX

LISTA TA' STATI TERZI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2(1)

- Norveġja
 - Kroazja
 - Montenegro
 - Ukraina".
-